# It-Torri ta' Ġawhar



Chev. Mario Coleiro OSJ

Wieħed mill-imperi li fil-passat ħakem lil pajjiżna kien l-Imperu Ruman. Dan l-imperu kien beda minn daqsxejn ta' villaġġ fil-peniżola Taljana u f'qasir żmien dan il-villaġġ sar il-Belt ta' Ruma. L-abitanti ta' din il-belt kienu jsejħu lilhom infushom Rumani u fi ftit żmien prattikament bdew jiddominaw lill-art ta' madwarhom sakemm waslu sa xtut il-baħar. F'dan il-perijodu, li kien madwar 250 sena qabel Kristu, il-Mediterran kien iddominat mill-Kartaġiniżi li kienu d-dixxendenti tal-Feniċi. Ruma ma damitx ma kisritha ma' Kartaġni u hekk naraw li nbdew dawk li baqgħu jissejħu l-Gwerer Puniċi li kienu gwerer twal u mdemmija. Kien fit-Tielet Gwerra Punika li Ruma rnexxielha teqred kompletament il-Belt ta' Kartaġni u dan wassal għat-tmiem tal-Imperu Kartaġiniż. Issa l-Mediterran kien jappartjeni lir-Rumani u proprju l-gżejjer tagħna, li jinsabu fiċ-ċentru tal- Mediterran, għaddew kompletament taħt id-dominju Ruman.

Malta ma damitx ma attirat lejha nies li riedu jgħixu ħajja trankwilla u fl-istess ħin igawdu mis-sbuħija naturali u l-klima stupenda li għandha Malta. Sakemm il-Mediterran kollu kien iddominat mir-Rumani, pajjiżna ma kellux biża' minn xi attakk minn fuq il-baħar. Meta l-Imperu Ruman beda jbatti u beda jitlef l-artijiet fil-Mediterran, bdew jinżlu popli Nordiċi li l-għan prinċipali tagħhom kien li jisirqu dak li setgħu mill-artijiet Rumani. F'Malta s-sitwazzjoni ma baqgħetx trankwilla u għalhekk l-abitanti ħtiġilhom jibdew jiddefendu ruħhom. Hekk naraw li bdew jibnu torrijiet ta' għassa mferrxin ma' Malta kollha.

Illum, minn dawn it-torrijiet baqa' fdalijiet ta' sitta minnhom: tlieta jinstabu fin-naħa t'isfel, tnejn fil-kampanja wara r-Rabat u ieħor fl-inħawi ta' San Ġwann. Dawk li jinsabu fin-naħa t'isfel huma ta' Wilġa fil-limiti tal-Imqabba, tal-Baqqari fil-limiti taż-Żurrieq u ta' Ġawhar fil-limiti ta' Ħal Safi. Jidher li dawn inbnew għal ħabta tas-sena 269 wara Kristu.

Minn dawn il-fdalijiet ta' torrijiet Rumani dak ta' Ġawhar li jinsab f'Ħal Safi huwa l-iktar wieħed priservat minnhom kollha. Meta wieħed iħares lejn dawn il-fdalijiet jinnotta li dawn kienu torrijiet tondi u l-ħitan tagħhom kienu mibnijin minn ġebel imdaqqas pjuttost kwadrat. Il-ħxuna tal-ħitan hija ta' madwar żewġ metri u nofs. Fil-każ tat-Torri ta' Ġawhar, li kif għidtilkom huwa l-iktar wieħed priservat, fadal madwar ħames metri għoli mill-bini tiegħu. Ma nistgħux ngħidu b'ċertezza kemm kien ikun għoli fl-istat oriġinali tiegħu, imma nistgħu nimmaġinaw li bħala torrijiet dawn kienu għoljin biżżejjed li minn fuqhom wieħed seta' jagħmel għassa u jara għal distanzi kbar. Għalhekk naslu biex ngħidu li dawn kienu għoljin mhux ħażin.

Fil-1960 kienu saru xi skavi madwar it-Torri ta' Ġawhar u minn dawn l-iskavi ħarġet ħafna informazzjoni utli għall-arkeoloġija ta' pajjiżna. Minn dawn l-iskavi deher ċar li dawn it-torrijiet kienu jintużaw biex minn fuqhom issir l-għassa u ma jidhirx li madwarhom kien sar xi taqbid. L-għassa kienet importanti biex fil-każ ta' xi attakk il-Belt ta' Melita (Mdina) kienet tkun avżata minn qabel u għalhekk setgħet tħejji ruħha għad-difiża. Irridu nżommu f'moħħna li minn fuq dan it-torri wieħed seta' jkollu veduta tajba tal-inħawi u d-daħliet ta' Birżebbuġa li kienu postijiet li setgħu jintużaw faċilment biex flotta tiżbarka fihom.

Meta nħarsu sewwa lejn dak li ħareġ mill-iskav li sar madwar il-fdalijiet ta' dan it-torri, naraw li nstabu affarijiet li kienu jintużaw fil-ħajja ta' kuljum. Fosthom ta' min isemmi misluta tad-deheb u bċejjeċ ta' fuħħar minn buqari, msiebaħ u anfori. Illum dawn kollha jinsabu fil-kollezzjoni Nazzjonali. Fil-viċinanzi nstabet ukoll ċisterna taħt l-art li jidher li hija kontemporanja mal-istess bini tat-torrri. Dawn it-tip ta' ċisterni kienu jitħaffru biex fihom tinżamm ħażna tal-ilma u dan juri li fl-inħawi ta' dan it-torri seta' kien hemm xi abitazzjonijiet u dawk li kienu jgħixu fihom kienu qegħdin jużaw l-ilma ta' din iċ-ċisterna.

Il-fdalijiet ta' dan it-torri u ta' oħrajn simili juruna li minkejja li Malta fi żmien l-Imperu Ruman gawdiet minn żmien ta' paċi, malli l-imperu beda jiddgħajjef, il-Mediterran sar bejta ta' ħallelin tal-baħar u għalhekk Malta kellha taħseb biex tgħasses u tiddefendi ruħha. Destin li kellha tibqa' ġġorru għal mijiet ta' snin.



Ritratt: Paul Callus